MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 435/2006

**George (ID 835955) u Pauline (ID 317357) konjugi Cortis**

**Vs**

**Raymond (ID 484965) u Julia (ID 501262) konjugi Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Mejju, 2006, fejn gie premess illi l-ammont mitlub jirrapprezenta erba snin kera ta' garaxx fir-Rabat, Malta mikri mill-atturi lill-konvenuti ghas-snin 2002-2006, ghalkemm interpellati biex ihallsu u jippromettu biex ihallsu, l-pagament qatt ma wasal. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-interessi mid-data tal-

prezentata sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti tal-21 ta' Gunju, 2006 fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-hlasijiet tal-kera gew effettwati lkoll salv ghas-somma ta' Lm75 rapprezentanti l-iskadenza ta' Dicembru 2005 – Gunju 2006, u dan kemm permezz ta' hlasijiet fi flus u kif ukoll permezz ta' xi qbil ezegwit fuq inkarigu ta' u ghall-beneficcju tal-atturi.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-**attur** xehed (11.12.2007) illi huwa ghandu farm/garaxx mikri ghand il-konvenut bil-kera ta' Lm150 fis-sena, liema kera bdiet fit-12 ta' Dicembru 2000. Jghid illi d-dartejn li thallas kien billi t-tifel tal-konvenut kien jahdem mieghu u jithallas bir-rata ta' Lm1.50 fis-siegha u meta kien jahdem 100 siegha kien jaqta` sena kera. Jghid illi fis-sena 2002 it-tifel tal-konvenut ma baqghax jahdem mieghu u allura ghandu mhallas sa' dik is-sena. Jghid ukoll illi tad-darbtejn hlas huwa kien irrilaxxja ricevuta. Jikkonferma illi l-fond illum ghadu mikri ghand il-konvenut.

Minn naha tieghu il-**konvenut** ighid (12.02.07) illi l-kera li huwa ghandu jaghti lill-attur tithallas bi tpartit ta' xoghol ta' tiswijiet tal-gageg li jkollu bzonn l-attur. Jikkonferma pero` illi l-kera kienet ta' Lm150 fis-sena pagabbli kull sitt xhur. Jikkonferma illi c-cavetta ghadha ghandu izda jammetti li ghandu jhallas biss ghas-sena 2006. Jghid pero` illi ma jistghax jghid kemm hadem xoghol ghall-attur. Ma jistghax jikkwantifika xogholu.

**Clive Galea**, iben l-konvenut ighid (12.02.2007) illi l-kirja bdiet madwar 4 xhur qabel id-deposizzjoni tieghu. Jghid illi

kien ighin lill-attur fir-razzett u kien ihallsu paga. Kien jithallas bis-siegha u jithallas meta ighidlu hu peress illi kien izomm kont ta’ x’hadem u ma hadimx.
Kellu rata ta’ Lm2 fis-siegha. Jghid illi huwa ma thallasx madwar Lm150 ghax l-attur qattaghhom kontra l-kera dovuta minn missieru.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi mill-provi prodotti tidher aktar verosimili l-versjoni ta’ l-attur. Mhux biss jidher illi hemm diskrepanza bejn ix-xhieda tal-konvenut u dik ta’ ibnu, izda addirittura iben l-konvenut jixhed certu affarijiet illi hu stess fid-deposizzjoni tieghu jikkontradixxi, bhal per ezempju illi l-kera kienet bdiet biss erba` xhur qabel id-deposizzjoni.

Mill-fatti kollha kif prodotti, it-Tribunal ihoss illi jista` jikkonkludi illi :

1. Il-kera bdiet fl-2000 u sal-llum thallsu biss l-ewwel sentejn.

2. Illi l-ahhar ricevuta hija dik a fol 24 – DOK RG 1 – u ma hemm xejn x’juri illi saru pagamenti ohra wara dak il-hlas rappresentanti il-kera ta’ Lm150 ghas-sena 2002.

3. Illi l-konvenut ma rnexxilux jipprova illi huwa ghandu jithallas ta’ xi xoghol maghmul lill-attur in skambju ghall-kera dovuta minnhu. La hemm kontro-talba f’dan is-sens, izda wisq aktar ghaliex hu stess jghid illi ma jistghax jikkwantifika l-hlas dovut lilu.

4. Illi ghalkemm huwa kundannabbli u t-Tribunal irid bilfors icanfar liz-zewg partijiet ghal mod kif kien jithallas l-attur u l-mod kif kienet tigi mbaghbsa u mcahhda l-paga ta’ iben il-konvenut ghax-xoghol li kien jaghmel ma’ l-attur, b’dana kollu ma giex ippruvat sodisfacentament quddiem dan it-Tribunal illi ghandhom jitnaqqsu xi flus mill-kera mitluba bl-Avviz odjern. Dan ghaliex l-attur ighid illi b’dawk il-flus suppost tat-tifel tal-konvenut, thallas ghas-sena 2002, u din il-versjoni ma tirrizultax kontradetta.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal sejjer ighaddi biex jichad l-eccezzjonijiet u jilqa` t-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ra d-dokumenti kollha esebti u sema` x-xhiedha kollha prodotti, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici fis-somma mitluba ta’ elf tlett mija u seba` u disghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€1397.62) gja sitt mitt Liri Maltin (Lm600) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz u bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba fl-istess Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------